MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Numru. 871/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**IBRAHIM TONSI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ibrahim Tonsi, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 339610L.

**Akkuzat talli:**

F’xi hin tal-lejl ta` bejn it-8 ta` Settembru u d-9 ta` Settembru 2013 gewwa il-Bacir il-Gdid ikkommetta serq

ta` oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG938 tal-ghamla Ford Transit liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u oggett tal-haga liema serq sar ghad-dannu ta` Njem Faiez u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, gewwa l-Hamrun u f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Ibrahim Tonsi, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta` l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (f) (g), 263, 270, 271 (g), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------